MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1753/2001/1

**Simon u Ruth konjuġi Chetcuti**

***Versus***

***Farcat Limited*, Joseph Muscat u d-Direttur tat-Toroq**

F'din il-kawża l-atturi qegħdin ifittxu għad-danni wara li saritilhom ħsara fil-proprjetà tagħhom minħabba xogħlijiet magħmula mill-konvenuti.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-atturi huma s-sidien ta' l-istabbiliment ta' l-ikel li jġib l-isem *Roots*, fi Triq Elia Zammit, San Ġiljan, bis-sotterran miegħu. Is-soċjetà konvenuta *Farcat Limited*, fuq ordni tal-konvenut Direttur tat-Toroq, matul l-aħħar xhur ta' l-1999, u wkoll bejn l-24 u t-30 ta' Novembru ta' dik is-sena, ħaffret gandott fi Triq Elia Zammit, ukoll quddiem l-istabbiliment ta' l-atturi. Waqt li kien għaddej dan ix-xogħol bejn l-24 u t-30 ta' Novembru 1999, tħalla gandott mikxuf għal żmien twil, bla ma ttieħdu l-prekawzjonijiet li trid il-liġi biex titħares il-

proprjetà, ukoll dik ta' l-atturi, fil-każ ta' maltemp jew xi perikolu ieħor.

Ġara illi bejn l-24 u t-30 ta' Novembru 1999 għamel maltemp, b'ħafna xita, u l-gandott, li kien għadu mikxuf u bla ebda żbokk għad-drenaġġ, imtela u far bl-ilma, li skula fis-sotterran tal-proprjetà ta' l-atturi. Minħabba f'hekk saret ħsara ta' sitt elef u tmienja u għoxrin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm6,028.50) fil-proprjetà ta' l-atturi.

Fit-30 ta' Novembru 1999 — wara li kienet saret il-ħsara — il-konvenuti ħadu l-prekawzjonijiet meħtieġa, kif iridu l-liġi u s-sengħa, u għalhekk, għalkemm wara reġgħet għamlet ix-xita, ma daħal ebda ilma fis-sotterran ta' l-atturi.

Għal dawn ir-raġunijiet l-atturi jgħidu illi l-konvenuti, jew uħud minnhom, jaħtu għal ħsara, iżda għalxejn sejħulhom, ukoll bi protest ġudizzjarju tad-19 ta' Jannar 2000, biex jersqu għal-likwidazzjoni tad-danni, u għalhekk l-atturi fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tgħid illi l-konvenuti jaħtu, jew tgħid min minnhom jaħti, għad-danni kollha li ġarrbu l-atturi minħabba fin-nuqqas tal-konvenuti li jieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa;
2. tillikwida d-danni fis-somma ta' sitt elef u tmienja u għoxrin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm6,028.50), jew somma oħra aktar preċiża; u
3. tikkundanna lill-konvenuti, jew lil dawk fosthom li jaħtu, iħallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-imgħax u l-ispejjeż, fosthom dawk tal-protest ġudizzjarju tad-19 ta' Jannar 2000.

Il-konvenuti *Farcat Limited* u Joseph Muscat ressqu l-eċċezzjoni illi l-ewwel talba safejn magħmula kontriehom għandha tiġi miċħuda għax huma ma kinux jaħtu għall-ħsara; għalhekk, it-tieni u t-tielet talbiet ukoll għandhom jiġu miċħuda.

Il-konvenut Direttur tat-Toroq ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. hu ma jaħtix għad-danni għax ma kellux x'jaqsam mat-twettiq tax-xogħlijiet fi Triq Elia Zammit, San Ġiljan;
2. hu qatt ma ta xi ordni biex jitħaffer gandott f'dik it-triq; u
3. it-talbiet ta' l-atturi huma "infondati fil-fatt u fid-dritt".

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża seħħew hekk.

Is-soċjetà konvenuta *Farcat Limited* [“*Farcat*”] kienet ġiet imqabbda mill-Korporazzjoni *Enemalta* biex tħaffer trinka minn Pembroke sa Paceville. It-trinka kellha tgħaddi minn Triq Elia Zammit, f’San Ġilan u ddur mal-kantuniera lejn Triq Sant’Andrija. Ħaddiema tal-korporazzjoni kienu qegħdin igħidu lill-ħaddiema ta’ *Farcat* mnejn kellha tgħaddi t-trinka biex ma jintlaqtux *cables* u kanen mnejn kienu għaddejjin is-servizzi minn taħt l-art. It-trinka kienet fonda tliet piedi u wiesa’ pied u nofs. Fi Triq Elia Zammit quddiem l-istabbiliment ta’ l-atturi t-trinka kienet xi sitt piedi ’l barra mill-bankina u, kif daret mal-kantuniera għal Triq Sant’Andrija, kienet xi erba’ piedi ’l barra mill-bankina. It-tħaffir sar b’makna bil-katina li taqta’ għad-dritt ’l isfel, iżda mal-kantuniera, billi taħt l-art kienu għaddejjin xi servizzi, it-tħaffir sar b’*jack hammer* bl-idejn sakemm inqabżu s-servizzi.

Dakinhar ta’ l-inċident meta l-atturi marru jiftħu l-istabbiliment tagħhom filgħaxija sabu li kien daħal ħafna ilma fil-kantina, fejn kellhom il-ħwejjeġ elenkati fid-dokument li jinsab *foll*. 9 *et seq.* tal-proċess, u dawn il-ħwejjeġ bl-ilma nqerdu.

L-atturi qegħdin igħidu illi l-ilma daħal għax skula mill-gandott li tħalla mikxuf. *Farcat* u l-konvenut Joseph Muscat, li huwa direttur, igħidu illi l-ilma daħal minn ġol-fili tal-madum ta’ l-art, u mhux mill-ħajt li jagħmel mat-triq fejn sar it-tħaffir, għax dak il-ħajt kien niexef. Dawn il-konvenuti jgħidu wkoll illi fil-kantina ma kienx hemm il-ħwejjeġ kollha msemmija mill-atturi.

Il-qorti tibda biex tgħid illi l-konvenut Direttur tat-Toroq kien imħarrek ħażin għax, kif igħid fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu, ma kellu x’jaqsam xejn max-xogħlijiet, li kienet riditħom il-Korporazzjoni *Enemalta* u mhux id-Direttur tat-Toroq.

Il-qorti għalhekk teħles lid-Direttur tat-Toroq mill-ħarsien tal-ġudizzju.

Ngħaddu issa biex naraw ta’ min kienet il-ħtija għall-ħsara. Il-qorti ma tifhimx kif il-konvenut Muscat seta’ ra l-ħajt niexef. Ukoll jekk, kif igħid hu, l-ilma daħal minn bejn il-madum ta’ l-art, meta jmiss mal-ħajt il-ħajt kien jixxarrab.

Min-naħa l-oħra, jekk l-ilma daħal mill-ħajt, ladarba l-ħajt kien taħt il-livell tat-triq, l-ilma kien jibqa’ jogħla sal-livell mnejn beda dieħel, u għalhekk it-tixrib minħabba d-dħul

ta' l-ilma kien jitgħatta bit-tixrib ta' l-ilma li beda jimla l-kantina, b'mod illi l-ħitan, sal-livell tal-penetrazzjoni, kienu jixxarbu kollha l-istess.

Għalhekk, il-fatt illi l-konvenut ma rax tixrib mal-ħajt li jagħmel mat-triq fejn sar it-tħaffir aktar milli mal-ħitan l-oħra ma jfisser xejn.

L-atturi saru jafu li daħlilhom l-ilma fis-7.00 *p.m.* u lil Muscat qalulu l-għada, meta dan mar fuq il-lant tax-xogħol. L-ilma kienu ġà neħħewh l-atturi b'pompa, u kien għalhekk illi l-konvenut ra biss sitt pulzieri ilma. Muscat igħid iżda illi ra l-ilma dieħel minn ġol-fili tal-madum ta' l-art. Il-qorti ma tarax kif seta' jara dan l-ilma dieħel minn ġol-fili jekk dawn kienu taħt sitt pulzieri ilma u l-ilma, kif jidher mir-ritratti esebiti mill-atturi, kien maħmuġ u ma jħallikx tara x'hemm taħtu.

Mill-fatt illi l-ilma daħal meta għamlet ix-xita wara li tħaffret it-trinka u tħalliet mikxufa, u ma daħalx f'okkażjonijiet oħra, il-qorti temmen illi t-tħaffir tat-trinka x'aktarx kien ir-raġuni għala daħal l-ilma. It-tħaffir tat-trinka neħħa s-saff tal-wiċċ tat-triq li ma jħallix li jgħaddi ilma, u għalhekk dan l-ilma nġabar fit-trinka, għadda mix-xquq bejn il-blat, li jidhru fir-ritratt numru 8 li jinsab *fol*. 32 tal-proċess, u baqa' dieħel fil-kantina. Għall-għanijiet tal-proċeduri tallum, ma jagħmilx differenza jekk għaddiex mill-ħajt jew mill-art – dan jiddependi fuq kif kienu x-xquq fil-blat, iżda r-raġuni għala daħal l-ilma f'kull każ jibqa' t-tħaffir tat-trinka li tħalliet mikxufa.

Fil-fehma tal-qorti kien prevedibbli illi, jekk jitneħħa l-wiċċ tat-triq u ma jsir xejn biex l-ilma ma jidħolx fit-trinka, u t-trinka ma kellhiex ġnub u qigħ li ma jgħaddix ilma minnhom, dan l-ilma sejjer jiskula x'imkien. Sakemm it-trinka ma tintradamx dakinhar stess illi titħaffer, ikun hemm perikolu li ssir ħsara bil-penetrazzjoni ta' ilma.

Li kellu jiġri hu illi l-proġett ikun maħsub b'mod illi dakinhar stess illi titħaffer it-trinka jitqiegħed dak li għandu jitqiegħed fiha u terġa' tintgħatta, u mhux titħalla ġranet sħaħ mikxufa. Jekk, għal raġunijiet tekniċi, il-*cable* li kellu jitqiegħed fit-trinka kellu jitqiegħed f'medda waħda, mela min kien responsabbli għall-proġett kellu jara jew li jkun hemm ħaddiema u inġenji biżżejjed biex it-tul kollu meħtieġ jitħaffer, u l-*cable* kollu jitqiegħed, f'ġurnata

waħda, jew inkella l-parti tat-trinka li tibqa' mikxufa tkun impermeabilizzata.

Din hija r-responsabbiltà ta' min qiegħed imexxi l-proġett kollu, u li għalhekk għandu jieħu ħsieb il-ko-ordinazzjoni tad-diversi fażijiet tial-proġett, u mhux ta' min, bħall-konvenuti *Farcat* u Muscat, tqabbdu biss biex iħaffru t-trinek.

Dan iżda jfisser illi *Farcat* u Muscat huma meħlusa minn kull ħtija?

Il-konvenuti kienu jafu illi kienet il-Korporazzjoni *Enemalta* li qabbdithom jagħmlu dan ix-xogħol u għalhekk kienu jafu, jew kien imisshom ikunu jafu, illi, għar-raġunijiet tekniċi li fissirhom ix-xhud Joseph Chircop fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2004[1], it-trinka ma setgħetx tintradam dakinhar li tħaffret. Għalhekk, ladarba kienu jafu illi t-trinka sejra tagħmel xi jiem mikxufa, kien imisshom għamlu dak li hu meħtieġ biex jippermeabilizzawha, aktar u aktar meta x-xogħol kien qiegħed isir fl-istaġun tax-xita. Naturalment, dan jiswa l-flus, iżda kien imisshom ħasbu għal dawn l-ispejjeż ukoll meta għamlu l-offerta għax-xogħol. Il-prijorità ma għandhiex tkun biss li jagħmlu l-orħos offerta biex jirbħu t-*tender* iżda li x-xogħol jagħmluh sew, kif għandu jkun u bla ħsara għal terzi.

Il-qorti għalhekk issib illi kien hemm nuqqas ukoll ta' min għamel ix-xogħol tat-tħaffir tat-trinka.

Tassew illi l-kuntrattur imqabbad mill-Korporazzjoni *Enemalta* kien *Farcat*, mhux il-konvenut Muscat, iżda din il-kawża tallum ma hijiex mibnija fuq relazzjonijiet kuntrattwali. Il-ħsara għamilha min fiżikament għamel ix-xogħlijiet u ma għamilhomx sew, u għalhekk il-konvenut Muscat għandu jwieġeb flimkien mal-kuntrattur *Farcat*.

Billi iżda hemm terzi, li kienu responsabbli għat-tmexxija u l-ko-ordinazzjoni tal-proġett kollu, li wkoll jaħtu, il-ħtija ma taqax fuq il-konvenuti weħedhom, li għalhekk għandhom jagħmlu tajjeb għal nofs id-danni billi għandhom nofs il-ħtija.

Ngħaddu issa għal-likwidazzjoni tad-danni.

L-atturi ippreżentaw lista tal-ħwejjeġ li jgħidu li nqerdulhom bi stima ta' kemm jiswew. Il-qorti iżda taqbel mal-konvenuti illi din ma kinitx l-aħjar xhieda li setgħu

[1] *Foll.* 143 *et seq.*

ressqu l-atturi. L-atturi jmexxu negozju u għaldaqstant kont tistenna li jżommu kotba li juru kemm nefqu fuq l-apparat li jużaw fin-negozju u l-provvisti li jkollhom. Dawn il-kotba kienu jkunu prova tajba taħt l-art. 22 tal-Kodiċi tal-Kummerċ iżda l-atturi ma ipproduċewhomx.

Għaldaqstant, il-qorti hija tal-fehma illi għandha tagħmel stima *arbitrio boni viri* wara li tqis mhux biss dak li xehdu l-atturi iżda wkoll dak li qalu l-konvenut Muscat u x-xhud Charlo Vella. Wara li qieset dan kollu, u qieset ukoll illi l-apparat ma kienx ġdid, il-qorti *arbitrio boni viri* tillikwida d-danni fis-somma ta' tlitt elef lira (Lm3,000), u għalhekk il-konvenuti għandhom jagħmlu tajjeb għal elf u ħames mitt lira (Lm1,500), li jiġi n-nofs.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti, wara li teħles lill-konvenut Direttur tax-Xogħlijiet mill-ħarsien tal-ġudizzju, tgħid illi l-konvenuti *Farcat Limited* u Joseph Mifsud għandhom nofs il-ħtija għall-ħsara, tillikwida d-danni fis-somma ta' tlitt elef lira (Lm3,000) b'kollox u għalhekk fis-somma ta' elf u ħames mitt lira (Lm1,500) għas-sehem li għalih għandhom jagħmlu tajjeb il-konvenuti, u tikkundanna lill-konvenuti *Farcat Limited* u Joseph Mifsud iħallsu lill-atturi s-somma ta' elf u ħames mitt lira (Lm1,500), jew seba' mija u ħamsin lira (Lm750) kull wieħed, flimkien ma' l-imgħaxijiet mitluba fiċ-ċitazzjoni.

L-ispejjeż tad-Direttur tax-Xogħlijiet iħallsuhom l-atturi; l-ispejjeż l-oħrajn kollha jħallsuhom il-konvenuti *Farcat Limited* u Joseph Mifsud.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------